Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)

Gurisdizzjoni Superjuri

Sezzjoni Generali

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D., M. Jur

Rikors Guramentat Nru. 25/2015MV

Saviour Sultana (K.I. 27765G) u martu Rita Sultana (K.I. 17867G)

Sant'Anna, Triq Sant'Andrija, Xewkija, Gozo

Vs

Peter Paul sive Paul Sultana

Sultana Chalet, Grunju Street, Nadur.

**Illum 22 ta' Frar 2024**

Rat ir-rikors guramentat ta' Saviour u Rita Sultabaipprezentat fir-Registru tal-Qrati t'Ghawdex nhar il 11 ta' Frar 2015 li jaqra is-segwenti:

*1. Illi l-esponenti huma fil-pussess ta' porzjonijiet mit-territorju magħruf bħala "Ta' Wied Binġemma" fil-limiti ta' Nadur, Għawdex;*

*2. Illi l-aċċess għal dan ir-raba huwa in parti minn fuq art li tinsab fil-pussess tal-intimat;*

*3. Illi b'diversi atti mwettqa bejn l-20 u t-22 ta' Marzu 2015, il-konvenut kompla jaggrava l-ispoll li kien diġà kommess minnu f'Diċembru 2014 fis-sens li ġej: infatti fit-23 ta' Diċembru 2014, huwa kien beda jostakola dan il-passaġġ u jimpedixxi lill-esponenti milli jaċċedu għar-raba fil-pussess tagħhom, l-ewwel billi ħawwel xitel tal-basal fil-parti mill-għalqa tiegħu li kienet minn dejjem iddestinata għall-passaġġ tal-esponenti, u riċentement billi waħħal bieba u għamel preparazzjoni sabiex isakkar dik il-bieba b'katnazz biex hekk iżomm lill-esponenti milli jgħaddu minn dak il-passaġġ. Issa fil-jiem ta' bejn l-20 u t-22 ta' Marzu 2015 huwa effettivament waħħal katnazz u sakkru b'mod u manjiera li għamilha iktar u iktar impossibbli għall-esponenti li jaċċedu għall-għalqa fil-pussess tagħhom;*

*4. Illi dan l-aġir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-pussess tal-esponenti;*

*5. Illi għalkemm diġà hemm pendenti kawża ta' spoll dwar l-atti spoljattivi li twettqu f'Diċembru, l-esponenti jibżgħu li meta tingħata sentenza favur tagħhom f'dik il-kawża, huma jiġu rinfaċċati mill-intimat b'xi ostakolu bbażat fuq l-att spoljattiv mwettaq f'Marzu 2015, u għalhekk, a skans ta' kull difiża jew skuża simili, huma jixtiequ, u jħossu li huwa neċessarju, li huma jottjenu kundanna kontra l-intimat sabiex jisporga wkoll l-atti spoljattivi suċċessivi tiegħu;*

*6. Għalhekk talbu lil din il-Qorti:*

*1. tiddikjara illi l-intimat ikkommetta spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tar-rikorrenti billi tellifhom fil-pussess ta' ħwejjiġhom*

*meta bejn l-20 u t-22 ta' Marzu 2015, biex hekk jostakola l-passaġġ li minnu huma jaċċedu għall-art fil-pussess tagħhom fl-inħawi "Ta' Wied Binġemma" fil-limiti ta' Nadur kif ingħad hawn fuq;*

*2. tikkundanna lill-intimat jisporga l-ispoll vjolenti u klandestin minnu kommess billi jerġa' jneħħi dan il-katnazz hawn fuq imsemmi u jneħħi kull ostakolu li huwa għamel fil-passaġġ imsemmi;*

*3. fin-nuqqas illi l-intimat jeżegwixxi x-xogħlijiet fiż-żmien konċess lilek, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jagħmlu dawn ix-xogħlijiet huma a spejjeż tiegħu, okkorrendo taħt id-direzzjoni ta' perit nominand.*

*Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi ghaliha minn issa int ingunt.*

*Bir-riżerva ta' kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti kontra tieghek.*

Rat ir-risposta ppresentata mill-intimat nhar l-1 ta' Gunju 2015 fejn eccepixxa[1];

*1. Illi fl-ewwel lok, l-atturi jridu jippruvaw illi l-att allegatament spoljattiv twettaq bejn l-għoxrin (20) u t-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2015) kif qed jallegaw u l-esponenti jirriserva illi jdaħħal eċċezzjonijiet ulterjuri f'dan ir-rigward.*

2. *Illi fit-tieni lok, in kwantu għall-allegazzjonijiet tal-atturi fit-tielet (3) paragrafu tar-rikors ġuramentat tagħhom fir-rigward ta' l-ispoll illi allegatament twettaq mill-esponenti fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) dana huwa mertu ta' kważa oħra bejn il-partijiet numru 5/2015 PC u għaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti ma' tistax tiġi adita b'ilment illi diġa jagħmel parti minn proċedura separata illi qiegħda quddiem dina l-Onorabbli Qorti diversament ippreseduta. Għal kull buon fini, l-esponenti jirrietera illi m'huwiex minnu illi l-esponenti ħawwel siġar tal-basal u waħħal bieb ftit qabel Diċembru 2015 għax il-bieba ilha hemm tlieta u għoxrin (23) sena minn meta l-espoentni fforma r-rampa in kwistjoni. Barra minn hekk, wara illi tneħħew id-dwieli illi kien hemm fl-għalqa tiegħu, l-esponenti ilu snin iħawwel dik il-parti mill-għalqa in kwistjoni b'tewm, basal, ful jew patata u qatt ma tħalliet vojta kif qed jallegaw l-atturi.*

3. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirrespinġi l-asserzzjonijiet tal-atturi u jiċħad illi huwa wettaq xi spoll fil-konfront tagħhom stante illi Saviour Sultana kien dejjem igħaddi mill-għalqa in kwistjoni b'mera tolleranza u bil-permess tal-esponenti u qatt ma kien igawdi minn dritt ta' passaġġ mill-għalqa tal-esponenti kif qed jallega. Dan kien isri biss f'April u f'Mejju ta' kull sena meta kien jitla' darbtejn sabiex jaħrat l-għalqa tiegħu. Inoltre, l-esponenti jirrileva illi fl-għalqa in kwistjoni m'hemm l-ebda passaġġ per se u fil-fatt l-atturi jew minn minnhom kienu jgħaddu dejjem bil-permess tal-esponent mill-wiċċ miżrugħ.*

4. *Illi l-atturi qatt ma talbu permess biex igħaddu mill-għalqa tiegħu qabel ma ntavolaw dina l-kawża u l-esponenti għandu kull dritt*

*illi jagħmel l-aħjar użu mill-istess għalqa u illi jpoġġi katnazz fil-bieba in kwistjoni. Illi l-esponenti poġġa l-katnazz in kwistjoni wara illi irriżulta illi l-atturi kienu jgħaddu mill-għelieqi fil-pussess tiegħu mingħajr il-permess tal-esponenti.*

*5. Illi fi kwalunkwe każ, l-atturi għandhom mod alternattiv kid jaċċeddu għal għalqa illi jaħdmu u m'għandhomx għalfejn jitolbu l-permess tal-esponenti sabiex jgħaddu mill-għalqa tiegħu.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha.

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat u qieset il-provi u d-dokumenti kollha prodotti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Saviour u Rita Sultana.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Paul Sultana.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Din hija kawza ta' actio spolii (spoll vjolenti) li r-rikorrenti qed jallegaw li sehhet bejn l-20 u il-25 ta' marzu 2015 fejn l-intimat wahhal katnazz ma' bieb u sakkru b'mod u manjiera li huma ma jistghux jaccedu ghall-ghalqa taghhom kif kienu jaghmlu qabel.

Minn naha tieghu il-konvenut jichad li qatt ghamel spoll u jasserixxi li l-bieb/xatba dejjem kien hemm u dejjem kien jissakkru. Barra minn hekk jishaq li kull meta ir-rikorrenti huh ried jahrat l-ghalqa bil-mohriet huwa dejjem kien jitlob il-permess tieghu, xi haga li r-rikorrenti jichad.

**Ikkunsidrat:**

Xehed **Saviour Sultana** permezz ta' affidavit datat 8 ta' Mejju 2018 fejn jghid li hu u huh Paul Sultana ghandhom raba' ta' Wied Bingemma fil-limiti tan-Nadur Ghawdex.[2] Jghid li din hija propjeta' tal-Gvern u ilha imqabbla lilhom u lil antenati tieghu zmien twil. Jghid li l-access ghar-raba' taghhom kien minn passagg illi jisbokka fin-naha tal-punent tieghu fit-triq. Ikompli jispjega li l-ghalqa illi minn fuqha jghaddi l-ewwel parti tal-passagg hija fil-pussess ta' terzi- certu Kurun min-Nadur. Imbaghad, il-passagg jghaddi minn fuq propjeta' tal-Gvern mikrija lil Pawlu Sultana. Hu jkompli jispjega kif dan il-passagg iserrep biex il-pendili tal-passagg jitmewwet. Jighid li minn dan il-passagg kien jghaddi bil-mohriet u li xi hmistax-il sena ilu huh Pawlu

[2] A folio 22 tal-process

iddecida li jimmodifika il-passagg l-antik. Qalli ukoll li jiena stajt nacceddi ghar-raba' tieghu minn passagg alternattiv. Jghid li huma baqghu jidhlu mit-triq minn fuq ir-raba' fil-pussess ta' Kurun minghajr problem. Kompla jispjega li bejn l-ghalqa ta huh Pawlu, l-intimat u tieghu hemm dislivell ta' madwar sular. Jishaq li Pawlu bena rampa magenb l-ghlaqa mikrija lili fl-istess livell mal ghalqa mikrija lili, biswit kamra li wkoll bniha madwar hmistax- il sena ilu, biex mill-ghalqa tieghu nkunu nistghu nitilghu ghall-ghalqa li tigi fuq ir-rih tal-ghalqa mikrija lili u tieghu. Wara kien ikompli ghaddej minn fuq l-ghalqa tieghu, imbaghad nikser lejn it-tramuntana biex nidhol gol-ghalqa mikrija lili minn fuq l-ahhar parti tal-passagg l-antik. Jghid li Pawlu bena il-kamra fuq il-parti tal-ghalqa mikrija lilu.

Jafferma li dan il-passagg li fuqu hemm din il-kawza dam juzah madwar 15- il sena. **Jghid li is-sena l-ohra beda jinqala l-inkwiet ghax huh, l-intimat, beda jippretendi illi ma ghandux dritt jghaddi minn fuq ir-rampa li kien bena hu bhala passagg alternattiv ghall-passagg originali illi kien ilu jesisti ghal zmien twil. Jghid li wara li fetah il-kawza sahansitra beda jghalaq ix-xatba li taghti fuq ir-rampa tieghu b' katnazz. Jghid li din originarjament kienet tinfetah u tinghalaq bi speci ta' firroll illi kien jidhol u johrog go u mill-hajt. Imbaghad ghamel habel u beda jorbot ix-xatba bil-habel, imma jiena stajt nibqa' nidhol billi nholl il-qafla tal-habel u niftah ix-xatba. Ftit zmien wara ghamel katina u rawbolt, u aktar tard beda jsakkar ix-xatba billi ghamel katnazz jaqfel il-katina mar-rowbolt. Il-katnazz ghamlu f' Marzu ta' din is-zsena, precizament fit-22 ta' Marzu.**

Isostni li l-intimat qed jipprova jimblokka l-access billi qed jestendi l-qannic tal-qasab li kien hemm fl-antik biex jaghlaq l-entratura li kellu.

Meta staqsiha b' dan kollu qallu **'biex ma tghaddix inti u biex ma jghaddux il-klieb'.** Jghid li dan ghamlu biex jirrita lilu u jxekklu. **Izid jghid li barra dan kollu l-intimat hawwal il-basal fil-passagg biex hu ma jkunx jista' jghaddi bil-mohriet. Il-kawza infethet wara li hawwel il-bbasal fil-passagg**. Isosti li ma ghandux mod biex jidhol bil-mohriet ghall-ghalqa tieghu. L-intimat heddu li hu ma jridux jghaddi mill-ghalqa tieghu.

Jishaq li hu pprova jasal bil-kelma it-tajba ma' Pawlu l-intimat pero' ma wasalx u li mhux minnu li hu jghaddi mill-passagg de quo b' mera tolleranza. Jghid li huh biddel il-passagg xi 15- il sena ilu u wara li ikkonsulat ma' ommu beda jghaddi mill-passagg tal-lum.[3]

Xehdet **Rita Sultana** permezz ta' affidavit datat 8 ta' Mejju 2015 u tghid li ilha mizzewwga lil Saviour Sultana xi 14- il sena.[4] Tghid li hija kienet tinzel l-ghalqa li qieghda bi qbiela ghand zewgha. **Tghid li hija dejjem taf li zewgha jidhol ghall-ghalqa mill-passagg li hemm kwistjoni fuqu.** Tiftakar li fil-perjodu li izzewwgu zewga mar jghid lill-ommu li Pawlu l-intimat huh ghalaqlu l-bokka tal-passagg l-antik illi mill-ghalqa ta' zewga kienet tinfed ghall-ghalqa ta' Pawlu b' qannic tal-qasab. Ommu qaltlu lilli la huh kien kuntent illi jibda jghaddi minn fuq ir-rampa l-gdida ghandu jibda jghaddi minn hemmehekk u l-arrangament kien amikevoli. Zewga dejjem ghadda minghajr inkwiet sas-sena l-ohra.

Jghid li hu zewgha l-intimat qed jivvendika ruhu wara li zewgha beda jiehu hsieb ommu ghax din kisret saqajha. Ix-xoghol dwar l-access sar

[3] A folio 24 tal-process.
[4] A folio 28 tal-process.

wara it- 23 ta' Dicembru 2014. Tghid li qabel kien hemm il-qannexc pero' ma kienx ixekkel lil zewgha ghax xorta kien jghaddi bil-mohriet.

Xehdet **Anna Sultana** nhar it-22 ta' Mejju 2015 fejn qalet li Salvu Sultana huma bina u anki Pawlu Sultana huwa bina ukoll. Tghid li ir-raba' li mess lilha taghtu lil Salvu waqt li Maria Attard ttat li kien mess lilha lil Pawlu.[5] Maria Attard hija ohtha. Tghid li r-raba' huma qrib xulxin, ossija imissu wiehed mal-iehor. Tghid li ir-raba' tidhol ghaliha minn Wied Bingemma li tinsab fin-Nadur. Tghid li ir-raba' taghha u ta' ohtha kienu f' idejn missierha u huwa raba' tal-Gvern. Tghid li in-nannu qasam ir-raba bejn missierha u iz-ziju Giusepp li kien jghidulu il-Barba. Tghid li hija hadet ta' missierha u ohtha hadet taz-ziju. **Dwar passagg tghid li wiehed jghaddi minn fuq ta' l-iehor. Dejjem kien hekk. Ohtha kienet tghaddi minn fuqha u vice versa. Tghid li kienu jghaddu bi dritt. Tghid li hija kellha dritt bil-ligi.** Kien hemm iehor Manweli tal-Maxwat u kien hemm Lola. Tikkonferma li kulkhadd jghaddi minn fuq xulxin, u dan kemm ilu hemm ir-raba'. Tghid li hija ghanda 85 sena u ilha ma tinzel fir-raba' . Ila xi 10 snin jew aktar. Miurija pjanta tghid li ma tarafix imma fuq il-lemini kien ta' Lola Tghid li ta' Barba hadu minn ta' Lola u ta' Maxwat. Tghid li r-raba' aktar minn bicca wahda. Tghid li r-raba' huwa kollu linja dritta. Tghid li kulhadd jghaddi minn fuq xulxin u jibqa' tiela.

Xehed **Peter Paul Sultana** nhar it-30 ta' Ottubru 2015 fejn jikkonferma li l-katnazz li twahhal fl-ghalqa li minnha jghaddi Salvu Sultana wahlu huwa u ghamlu xi sentejn ilu. Jichad li il-katnazz

---

[5] A folio 29 tal-process.

twahhal wara l-ewwel kawza[6]. Jghid li l-attur jghaddi mill-passagg minghajr il-permess tieghu. Jitla' buiss meta jghidul biex jahrat id-dwieli f' Marzu, jew April u Mejju biss. Kien jitla' darbtejn fis-sena u dejjem bil-permess tieghu. Jghid li rampa qatt ma kien hemm. Jghid li l-bieba mhux dejjem isakkarha kien hu u meta induna qafel ghax huh dejjem dahal go tieghu bil-permess tieghu. Isostni li l-katnazz dejjem kien hemm u il-bieba dejjem kienet tinqafel. Ma jiftakarx ezatt meta sakkar. Jghid li l-bieba dejjem kienet hemm u gieli jsakkara u gieli le.[7] Jghid li x-xtili tal-basal hawilhom f' ghalqa tieghu u jichad li huh ir-rikorrent kien jghaddi minn hemm imma kien jghidul , ghaddi mnejn tista'. Jichad li kien hemm passagg. Jghid li l-ghalqa kienet kollha sigar. Jghid mal-bieba gieli kien jorbot il-habel. Jikkonferma li l-katnazz mhux minn dejjem kien hemm.[8] Meta induna li huh tela' bil-mohriet minghajr il-permess tieghu sakkarha. Jghid li l-katnazz gieli ghamlu u gieli ma ghamlux.

Kontro-ezaminat jghid u jikkonferma li huh kien jghaddi darbtejn fis-sena u kien jghaddi bil-mohriet.[9] Jghid li bit-tarag jista' jghaddi minn go tieghu stess. Ma jafx x' qed izomm lil huh biex it-traga jghamlu rampa u jghaddi minn tieghu stess. Jghid li r-rampa tieghu hu ghamilha. Jikkonferma li r-raba huwa imtarrag. Jghid li minn meta ir-raba' daret fuqu kien jitolbu il-permess ghax hu qatt ma kien jinzel 'l hemm. Isostni li r-rikorrent qatt ma kien jinzel fir-raba'.[10] Jghid li missieru ilu mejjet xi 13- il sena u qabel ma inqala dan l-incident huh dejjem talbu

[6] Il-Qorti tinnota li Dok SS 3, A folio 26 tal-process, huwa katnazz gdid li mwahhal ma' injama/bieb antik. IL-katina ukoll tidher gdida ghax mhux imsadda u allura ma kienitx esposta fit-tul ghall-elementi bhal ma jidher il-bieb/xatba/ injama.
[7] A folio 50 tal-process.
[8] A folio 52 tal-process.
[9] A folio 53 tal-process.
[10] A folio 55 tal-process.

il-permess. Jghaddi biex jahrat u kien jitlob il-permess lilu. Dejjem ghhadda minn fuq ir-raba' tieghu.

Xehed **Saviour Sultana** nhar it-30 ta' Ottubru 2015 u jikkonferma li waqt is-seduta ffissata mill-assistent gudizzjarju Dr. Aaron Attard Hili sema lill-iben il-konvenut, Jason jghid lill-missieru '*il-katnazz ghidlu li kien hemm minn dejjem*'. Jghid li l-avukat Ellis stqasa lil Pawlu, il-klijent tieghu , ghandu mnejn jghaddi minn x' imkien iehor?' Hija qallu 'ghandu jirranga bhlama rrangajt jien'.[11] Żmeta l-avukat staqsih kemm il-u hemm il-katnazz hija ikkonferma li ghamlu ghax skond hu jiena dhalt nahrat bla permess tieghu. Imbaghad ibnu Jason qallu lill-missieru biex jghid li l-katnazz kien min dejjem hemm.

Kontro-ezaminat jghid li mhux vera huwa kien jitlob xi permess minghand huh. Jghid li r-rab' kienet tan-nanniet. Jghid li meta l-intimat ghamel ir-rampa kien ghalaqlu l-bieb li kien jghaddi minnu u imbaghad huwa qallu li seta' jghaddi mir-rampa ghax il-bieb ghalqu. Jaqbel li r-rampa ghamilha l-intimat.[12] Meta ghalaq il-bieb tieghi bdejt nghaddi mir-rampa ghhax hemm gie mifthiem. Jichad li hu ghandu tarag. Jghid li metas ghalaqlu il-bieb hu mar ghand ommu u din qaltlu li jekk hu kuntent jghaddi mir-rampa ihallih jghalaqlu l-bieb.[13] **Jikkonferma li ix-xatba ilha hemm ghomor. Jghid li fejn hemm il-bieb ghalqu (l-intimat) bil-qannec u ix—xatba ma kienx jaghalaq ghax ma kienx hemm qannec. Jghid li il-bieb kien miftuh u jghuid li ma kienx hemm xatba. Jghid li ix-xatba saret meta saret ir-rampa. Qabel ma kien hemm xejn. Meta ghamel ir-rampa ghamel il-bieb. Ir-rampa saret xi 15- il sena ilu. Jghid li ix-xatba ghamilha ghax ried jghaddi**

[11] A folio 59 tal-process.
[12] A folio 60 tal-process.
[13] A folio 61 tal-process.

**bil-mohriet u ma jridx jghaddi aktar minn go tieghu. Jghid li hu accetta ir-rampa u il-bieb ghax ir-raba' ma kienx fuqu u r-raba ilu fuqu mill-2001. Jghid li hu accetta ix-xatba pero' kien jitla' bla permess.**[14]

Xehdet **Anna Sultana** fl-4 ta' Dicembru 2015 u tghid li ta' Barba jigi hu missierha.[15] Tghid li ir-raba' li kellu Barba ma gahndha x' taqsam xejn mar-raba tal-kontendenti. Tghid li Barba kien ilu mejjet. Tghid li ir-raba' ta' Pawlu taghtilu ohtha u dak ta' Salvu taghtilu hija. Tghid li meta saqajha ma tawhix aktar ma nizlitx aktar lejn ir-rraba' imma kmeta kiente tiflah kienet ittella' l-ixkejjer tal-haxix. Tghid lir-raba' kien jahdmu ir-ragel. Tghid li zewgha kien jahdem taghha waqt li ohtu kienet tqabbad lil haddiehor. **Tghid li kulhadd kien jghaddi minn fuq xulxin. Hadd ma kien jghid xejn.**[16] **Passaggi ma kienx hemm kienu 4 qaddisin hemm isfel. Kulhadd jghaddi minn fuq xulxin. Tghid li dan tafu ghax kienet tinzel hija meta kienet b' sahhitha.**[17] Tghid li in-noies kienu joqghodu attenti kif jghaddu u il-klieb biss kienu jghaffgu. Tghid li kienu jghaddu bir-rigel. Bil-mixi. Tgghid li karettuni ma jidhlux. Mohriet biss jghaddi.[18] Pawlu gie mis-safar u ha ir-raba' ta' ohtha. Salvu hhadu meta miet zewgha, ossija missieru. Minn mindu bdew jahdmu Salvu u Pawlu gieli kienet tinzel imma issa ma nizlitx. **Tiffonkerma li anki Salvu u Pawlu kienu jghaddu minn fuq xulxin.**[19] Tghid li huma ma qalu xejn. Issostni li sakemm baqa' b' sahhtu zewgha kien jahdem ir-raba'. Tgghid li Salvu beda jahdem ir-raba' x' hin mar joqghod maghha u majna missieru. Go l-ghalqa kienet tinzel ghal kwiet imma issa marru saqajha. **Tghid li kulhadd jghaddi**

[14] A folio 65 tal-process.
[15] A folio 77 tal-process.
[16] A folio 78 tal-process.
[17] A folio 79 tal-process.
[18] A folio 80 tal-process.
[19] A folio 81 tal-process.

**minn fuq kulhadd u hadd ma jghid xejn u bil-mohriet ghaddew ukoll.[20] Tghid li l-mohriet mhux biz-ziemel ghax hija ma kellix bejjem. Tghid li kienet tghaddi bir-rigel u bl-ghodda.[21]**

Kontro-ezaminat tghid li mharet ma kellhomx ghax-xih ma kellux. Issa xtrahom, meta twieled Salvu li ghandu 50 sena. Ma tafx bl-amment meta intara iil-mohriet. Tgghid li x-xih ma kien jahrat ghax ma kienx kapaci. Tghid li meta nxtara l-imharet dawn kienu jghaddu mill-passagg tal-ghalqa. Tgghid li jghaddu mill-passagg ta' fuq, tal-Lol.[22] Tikkonferma li wiehed jghaddi minn fuq l-iehor u hadd ma jghid xejn.

Xehdet **Rita Sultana** nhar l-10 ta' Gunju 2016 u tikkonferma li hija kienet tinzel l-ghalqa kemm-il darba.[23] Tghid li kienet tiftahlu il-gate jew ix-xatba biex izzommlu id-dwieli, pero' issa ma hemm xejn ghax nixef kollox ghax ma jistax jahrat. Tghid li minn nimdu izzewgu ilha tinzel u anki meta kienu gharajjes. Jahdem l-ghalqa minn mindu miet missieeru u qabel kien jinzel jghinu ukoll. Tikkonferma li missier zewgha, ir-rikorrenti miet qabel ma huwa izzewgu. Tghid li hija bdiet tinzel xi 2009. Taf li ir-rampa ghamilha Pawlu. Tghid li ir-rampa nofs hija mibnija fuq taghhom. Tichad li zewga kien jitlob xi permessi biex jghaddi. Kienu jidhlu minghajr ma jitolbu permess. Tissokta tghid li huma kellhom id-dritt li jaqbdu u jidhlu minn ta' Pawlu. Tghid li il-passagg l-iehor inghalaq u hekk kienu jaghhmlu ukoll meta kien hemm il-passagg l-iehor. **Tghid li bil-mohriet ma ghandux access imma bir-rigel ghandu ghax hemm tarag u ma ghandux ghalfejn jaghmel rampa ladarba ghandu access mill-passagg.[24]** Tghid lir-rampa ma

[20] A folio 83 tal-process.
[21] A folio 84 tal-process.
[22] A folio 85 tal-process.
[23] A folio 92 tal-process.
[24] A folio 97 tal-process.

tafx ezatt meta saret imma tiftakar lil Salvu zewga jghid lill-ommu li Pawlu ghalqlu il-passagg. Ma tafx jekk saritx meta izzewgu jew fis-sentejn ta' qabel. Dwar ir-rampa ohra dik skond kif qalilha zewga u ix-xiha ta' qabel. Tgghid li Pawlu ghamel ir-rampa meta ghalaq il-passagg ta' zewgha zmien ilu.

Kontro-ezaminata tghid li hija izzewget 2001 u mhux 2011 u missier Salvu miet qabel xi 1999.

Xehed **Carmelo Camilleri** nhar il- 11 ta' Novembru 2016 fejn jghid li jigi hu il-mara ta' Pawlu Sultana.[25] Jghid li l-ewwel darba li mar kien meta talbu biex jghinu jaghmel rampa. Jghid li dan kien xi 24- 25 sena ilu. Jghid li magenb ir-raba ta' Pawlu kien hemm ta' missieru, illum qieghda ghand Salvu. Jghid li missieru kien jitla mit-tarag tieghu li kellu hdejn kamra. Jgghid li ikien hemm passagg u imbaghad mit-tarag, kien minn hemm li jghaddi missier Pawlu. Mit-tarag li illum saret rampa illum jghaddi Pawlu. **Jahseb li biex jghaddi bil-mohriet Pawlu kien jghaddi minn go tan-nies.[26] Jghid li l-antiki ma kellhomx mohriet imma meta juzaw il-mohriet ma jafx min fejn kienu jghaddu.**

Kontro-ezaminat jghid li 25 sena ilu kien hemm passagg. **Jikkonferma li il-passagg kien minn fuq l-ghalqa ta' Pawlu.**[27] **Missier il-partijiet kien jghaddi mill-passagga li jghaddi kulhadd.** Jispjega li f' 25 sena hu mar darba jew darbtejn. Jghid li wara li saret ir-rampa mar darbtejn jghin lil Pawlu biex ihawwel xi haga. F' dik id-darba ma ra lil hadd.

[25] A folio 103 tal-process.
[26] A folio 106 tal-process.
[27] A folio 108 tal-process.

**Jghid li il-passagg dejjem kien jidher, ma jahdmuhx.**[28] Ma jafx x' kien qed jigi f' dawn l-ahhar snin gahx ma kienx jghaddi minn hemm.

Ri-ezaminat jghid li it-tarag kien gol-hajt. Titla bir-rigel. Il-passagg jigi '*go nofs it-turgien, ghax hemm passagg minn barra, tidhol imbaghad wiehed imur 'l hawn u l-iehor imur ghan-naha l-ohra.*'

Xehed il-konvenut **Peter Paul sive Paul Sultana** u jghid li l-attur huh u jghid li r-raba taghhom gej minghand nannuhom u hu ha il-parti ta' oht ommu filwaqt li huh ha dik ta' ommu. Jghid li hu ghandu ukoll parti minn ta' Angela Zerafa jgghidula Ta' Pixka. Jispjega li qabel kien hemm tarag go hajt, dan kien dejjaq u waqa' u biex kienu jahartu kienu jghaddu minn go tan-nies, minn ta' Polpa u ghamilt din ir-rampa. Din ir-rampa ghamila fil-bicca li gejja minn ta' Angela Zerafa., issa ilha xi 25 sena. Jghid li huh kien jiehu il-permess tieghu biex jghaddi mir-rampa biex jahrat id-dwieli. Kien jitla' darbtejn jew tlieta mhux izjed fis-sena. Jghid li hu jidhol dirett f' tieghu waqt li huh ghandu access mill-ghalqa tieghu stess. Jghid li l-access ta' huh bit-tarag. Issostni li fl-ghalqa tuieghu ma hemmx passaggi u kien joqghod isallab. Ikompli jghid li f' Lulju ma titlax tahrat imma tela' biex jiehu irr-ritratti. Jghid li titla' bil-kaxxa biex taqla l-gheneb u wara gahmel katnazz mal-bieba ghax lilu ma qallux. Jghid li il-hart tad-dwieli jsiru f' Marzu u f' April. Jghid li b' saqajh jista' jidhol u jmur minn ghalqa ghal ohra kif jaghmel hu. U minn habel ghall-iehor jitla' bit-tarag. Jishaq li hu ghalaq bil-katnazz ghax ma ghandux dritt jghaddi minn go hwejjgu.

[28] A folio 110 tal-process.

Xehed **Paul Sultana** nhar it- 28 ta' April 2017 fejn jaghti spejgazzjoni tar-ritratti li ippresenta b' nota seduta stante.[29] Skond ix-xhud PPS huwa il-bieba li jidhol minnha ghal gol-ghalqa taghhom, kwazi tinsab fit-triq. Kif tipparkja il-karozza. It-triq hija pubblika. PPS1 juri il-post wara li jidhol mill-bieb u PPS 2 juri it-tarag li tila' minnu u ghandu rampa u jidhol ukoll gol-ghalqa tuieghu. PPS 4 juri it-tarag li jitla' gol-ghalqa li ghandha l-kwistjoni dwara minhabba l-moghdija tal-mohriet. Jghid li xejn ma jzomm lil Salvu li it-tarag jaghmlu rampa.[30] Isostni li kien jitolbu biex jahrat id-dwieli.

Kontro-ezaminat jichad li biex ha dawk ir-ritratti dahal gol-ghalqa ta' huh. Jghid li hadom mill-ghalqa Tal-Barba li mhux ' boghod xi 15-il pied. Jaqbel li mit-tarag ma tistax taccedi bil-mohriet. Jabel li r-raba' huwa kollu qbiela tal-Gvern. Jghid li hu ghamel il-katnazz ghax ghadda minn go hwejjgu minghajr permess. Jghid li l-ghalqa li jghaddi minna ma hemmx passaggi imma kienet kollha sigar.[31]

Xehed **Peter Paul sive Paul Sultana** in kontro ezami nhar it- 30 ta' Jannar 2019 u stqarr li gie luta mis-safar 1990[32]. Qal li dam msiefer 18- il sena u ir-raba kienet tahdima zijtu Maria Attard. Tghid li zijtui dawritu fuqu qabel ma gie ghax kien jigi u ilu madwar 30 sena fuqu. Jaqbel li ir-raba ta' huh u tieghu kienu raga' wiehed fil-passat. Jaqbel ukoll li huwa qbiela minghand il-Gvern u illum kulhadd ihallas tieghu. Jghid li:

[29] Il-Qorti tinnota li ghalkemm fin-nota hemm Dok PSS dan ma jesistix bhal ritratti u ghalkemm hemm Dok PPS 5 dan ma jesistix fin-nota!
[30] A folio 127 tal-process.
[31] A folio 130 tal-process.
[32] A folio 143 tal-process.

*‘Meta kien ta’ sid wiehed, kien f’ idejn in-nannu, konna mmorru minn genb ghall-iehor. Imbaghad x’ hin inqasam, kulhadd ha l-passagg tieghu.’*[33]

Meta jaslu fil-bieb, jghaddu minnu u kulhadd imur fir-raba’ tieghu. Jaqbel li ir-raba’ tal-partyijiet huwa imdahhal gol-iehor. Jaqbel li ghandu bicca gon-nofs tieghu[34] Jaqbel li fil-qannic halla passagg go fih imma jzid li biex jghaddi hu. Mistoqsi fuq ir-rampa jghid li ma kienx hemm rampa imma ghamilha huwa xi 28 sena ilu ghax ma riedx jibqa’ jghaddi minn fuq in-nies. Jikkonferma li hekk qieghda bhal issa. Jghid li il-qannic huwa biex jghaddi hu. Jghid li l-bieba ghamilha meta ghamel ir-rampa u il-qannic dejjem kien hemm. Baghet dejjem hemm. Jishaq li dejjem tissakkar kienet. Jghid li l-katina kien jorbota minn wara bil-katnnazz. Jghid li kien jiftahlu il-bieb huwa biex imur jahrat. Isostni li huwa kien jinzel darba jew darbtejn kuljum l-ghalqa. Jghid li il-katina kienet bicca firdiferru li zzomm. Jikkonferma li l-katnazz sar minnu. **Jghid li ghamlu waqt li kienu hawn fil-kawza u mhux qabel.**[35] **Jaqbel ukoll li wara li ghamel il-katnazz ir-rikorrenti ghamillu it-tieni kawza.** Jikkonferma li il-qannic Dok F9 ghamlu hu u ghamel iktar. Ma jiftakarx meta ghamlu pero’. **Jghid li hu kien ihallilu kemm jghaddi bil-mohriet meta kienu sewwa, kienu ahwa.**[36] Jichad li ghalaq xi bieb.

Ri-ezaminat jghid li mit-triq timxi 50 pass, jghaddi minn fuq ta’ Kurun u jghaddi minn fuqi, hemm qatt ma kellna problemi u jmur ghal go tieghu. Malli jghaddi minn fuqu jispicca go tieghu. Huwa u jiena

[33] A folio 146 tal-process.
[34] A folio 147 tal-process.
[35] A folio 152 tal-process.
[36] A folio 155 tal-process.

nghaddu minn fuq ta' Kurun Borg. Minn gol-ghalqa tieghu ghandu access b' saqajh u minn go kull wahda hemm it-tarag. Biex jahrat irid jghaddi minn fuq in-nies kif kien jaghmel hu u ghalhekk ghamel rampa. L-acces minn fuq Pupla u Kilpi jippermettilu access b' saqajh u bil-mohriet. Jghid li ir-rampa qieghda f' tieghu. Jghid li ir-rampa saret fuq il-bicca ta' Angela Zerafa li illum hija tieghu. Jghid li l-qannic il-gdid jestendi taqs kem m kien l-antik li jrid jinbidel kull 5 jew 6 snin.

Ezaminat jghid li il-qannic kien minn dejjem. Jghid li meta huh kien jitolbu biex jghaddi kien jiftahlu il-bieb tal-qasab jew tal-pellet u il-qannic ma jmissux ghax kien ihallilu spazzju bizzejjed biex jghaddi bil-mohriet. Isostni li ma hallihx jghaddi ghax familja kissirha. Jichad li meta ghamel ir-rampa kien hemm bieb ta' Salvu, ir-rikorrenti u ghalqu.

Xehed **Saviour Sultana** nhar is-26 ta' Marzu 2019 fejn mistoqsi fuq il-bieb fuq il-pjanta MS1 Jghid li dan qieghed mat-triq.[37] Passa pass ix-xhud jaghti spjegazzjoni tal-pjanta u kif huwa jidhol ghal kull ghalqa. Jaqbel li ir-rampa ghamilha huh f' dik l-ghalqa li kienet ta' Angela Zerafa u li issa hija tal-intimat imma jghid li l-bieb qieghed armat go tieghu. Jaqbel li in-nanniet tieghu u ir-raba' ta' Zerafa huma distinti. Ma jafx meta l-ghalqa ta' Angela Zerafa giet f' idejn huh. Ix-xhud esebixxa ritratt SS 26 a A folio192 tal-process u jghid:

**'Ara kif kien il-bieb. Hawnhekk kien ghaddej bis-saffejn u imbaghad ghamel qannec u imbaghad x' hin ghalaqli l-bieb kemm**

[37] A folio 170 tal-process.

**ghamel il-kantuni biss. Ma missejtux, ghadu kollu hass. Ghalaqli l-bieb, qalli issa ghaddi mir-rampa'[38].**

Jghid li huwa kien jitla' kemm-il darba mhux darbtejn kif qal l-intimat. Issa id-dwieli mietu u irrid nitla' aktar spiss. Jichad li kien jitlob xi permess minghand l-intimat. Isostni li kellu dritt li jghaddi. Jghid li ir-raba' abbandunah minhabba sahhtu, ghandu bzonn operazzjoni tal-irkoppa. Jghid li kawza hija fuq il-katnazz li gahmillu u l-ohra li ghax fil-passagg li kien juza hawwillu ix-xtili u ma jistax juzah. **Jghid li kien jghadd mill-bieba ghax ma kienx fiha katnazz, imma ghamillu ilk-qasab u ghax kelli dritt nghaddi nehhejthomlu u ghaddejt.**[39] Jghid li infixel meta ghamel l-ewwel u it-tieni kawza.

Ri-ezami jghid li it-tieni kawza ghamilha ghax kien ghamilli l-katnazz u riedu inehhih biex jghaddi. Jghid li l-ewwel kawza kienet fuq il-basal fil-passagg. Jghid li huwa ma setghax jghaddi bil-mohriet. Isostni li il-mohriet ma terfghux fit-tarag ghax tqil wisq.

Kompla il-kontro-ezami ta' Saviour Sultana nhar it- 8 ta' Mejju 2019 i usostni li ghax hawwel il-basal huh fil-passagg ma setghax jghaddi bil-mohriet.[40] Ma jafx kemm hu wiesa' il-mohriet pero' ma setax jghaddi u ma kejjlux. Jghid li l-basal imbewqin biex zgur ma jista' jghaddi hadd. Mistoqsi ghala hhar ir-ritratt fit- 23 ta' Lulju 20q4 u il-kawza ghamilha fuq fatti li graw wara Dicembru 2014 jghid li ma kienx ippreparat u infixel.

[38] A folio 175 tal-process.
[39] A folio 181 tal-process.
[40] A folio 195 tal-process.

Dwar il-bieb jghid li l-ewwel beda jghamillu habel u imbaghad ghamel il-katnazz. Jghid li il-habel marbut bil-qafla.

Xehed **Peter Paul sive Paul Sultana** nhar it-8 ta' Mejju 2019 u b' referenza ghar ritratt SS26 jghid li il-qannic dejjem hemm kien.[41] Jimmarka fuq il-pjanta fejn jahseb li hemm ilk-qannic. Isostni li huh kien jiehu il-permess minn ghandu biex jghaddi.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Ligi u Gurisprudenza Applikabbli**

L-artikolu applikabbli ghall-kawza odjerna huwa l-535 tal-Kap 16 Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra is-segwenti:

*535.(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjonita' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikunbata l-ispoll*

**Ikkunsidrat:**

[41] A folio 206 tal-process.

Dwar il-kwistjoni ta' x'jikkostitwixxi spoll fir-rikors guramentat numru 402/2018 JVC **fl-ismijiet Melanie Scicluna vs Warren Abraham Scicluna et** deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar it-23 ta' Frar 2021 per Onorevoli Imhallef Joanne Vella Cuschieri gie ribadit:

*Illi l-awtur Mattirolo fil-ktieb tieghu Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano (Volume I. ed. 1902 Torino, para. 271) dwar din l-azzjoni ta' spoll privilegjat jghid illi:*

*'La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato è una misura di ordine pubblico, è un 14 provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L'articolo 695 del Codice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola "spoliatus ante omnia restituendus". Il perchè l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purchè pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto.'*

*Illi f'dan is-sens ukoll il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet* ***Margherita Fenech -vs- Pawla Zammit*** *deciza fit-12 ta' April, 1958 stqarret kif isegwi: 'L-"actio spolii" hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil ta' kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.' Illi mill-gurisprudenza tal-Qrati nostrana jirrizultaw tlett (3) elementi rikjesti sabiex azzjoni ta' spoll privilegjat tirnexxi, u cioe':*

*1. Actor docere debet possedisse – il-pussess;*

*2. Spoliatum fuisse – l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bilmohbi jew kontra l-volonta' tal-attur; u*

*3. Infra bimestre deduxisse – l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.*

*Illi jekk wahda minn dawn l-elementi hija mankanti din l-azzjoni ta' spoll vjolenti u klandestin ma tirnexxix. Din il-Qorti ghalhekk sejra tghaddi sabiex tezamina l-elementi ta' spoll vjolenti u klandestin applikati ghall-fatti tal-kaz odjern.*

Tkompli tghid dik il-Qorti:

*Illi dwar l-element tal-pussess bejn ko-possessuri gie ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet Alfred Pisani et -vs- Victor Farrugia et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-21 ta' Jannar, 1994 illi:*

*'Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b'din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b'din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipprotegi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.'*

*Illi kkunsidrat li f'kawza ta' spoll bhal dik odjerna l-pussess jista' jkun wiehed qasir hafna u anke momentanju1 , u m'huwiex limitat ghal wiehed esklussiv.*[42]

Fir-rikors Guramentat numru 168/2015JVC fl-ismijiet: **Rodney Ciantar vs Klabb tal-Bocci Kalkara et.** deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar 14 ta' Lulju 2020 per Onorevoli Imhallef Joanne Vella Cuschieri gie ikkwotat is-segwenti:

*Illi gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet Alfredo Delia -vs- Bonaventura Schembri et deciza nhar il-4 ta' Frar 1958 ghar-rigward tal-element tal-pussess li:*

*'Il-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, jew id-detenzjoni ta' haga mobbili jew immobili, li tigi vjolentement jew okkultament mehuda minn ghand ilpossessur jew detentur; u gie deciz kemm il-darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi-pussess tad-drittijiet reali; u hija inerenti ghal-fatt ta' min b'awtorita' privata jikkompixxi u jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalieh, ma setghax jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati. F'azzjoni ta' din in-natura mhumiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji, u ghall-"actio spollii" l-ispoljant ma jistax jirrispondi, "in difesa", li dak li ghamel kien att legittimu; ghaliex l-indagini tal-legittimita jew le hija rizervata lill-gudizzju petitorja. '*

[42] Ara ukoll dak deciz mill-Qorti tal-Apell fir-Rikors Nru. 336/13JA fl-ismijiet **Rev. Fr. Emanuel Borg Bonello et vs BCD Projects Ltd. (C38742) et** deciza fit- 2 ta' Marzu 2018 per S.T.O. Prim Imhallef Silvio Camilleri flimkien mal-Imhallfin Giannino Caruana Demajo u Noel Cuschieri.

*Fil-kawza fl-ismijiet Annetto Xuereb Montebello et -vs- Paolina Magri et deciza nhar id-19 ta' Gunju 1953 rigward l-element tal-pussess l-Qorti ta' l-Appell kienet ghamlet ampja referenza ghal gurisprudenza taljana. Hekk inghad: 'Non è possesso giuridicamente reintegrabile quello che emana da una semplice concessione del proprietario – Cassazione Roma – 23 Giugno, 1905, Santucci vs. Di Francesco;*

*Non ricorre quel possesso di fatto che da diritto alla protezione mediante l'azione di reinterga ogni qualvolta il preteso spogliato abbia il godimento di un vantaggio basato sulla semplice tolleranza del preteso spogliatore – Cassaz. Di Torino – 17 ta' Dicembru 1907, Macone vs. Guglielmino;*[43]

*Non puo agire in reintegra del possesso di un diritto di passaggio chi tale possesso ha sempre esercitato per mera tolleranza del vicino e chiedendogliene permesso – Cassazione di Torino – 15 ta' Dicembru, 1908, Lunghi vs. Miglioati, kif citati fil-Fadda, Art. 695/697 (Vol. XXXVII, P.I, p.280)'.*

Finalment din il-Qorti ghar-rigward tal-gurisprudenza fuq spoll thoss li ghandha tikkwota dak li qalet il-Qorti tal-Appel fl-ismijiet **Vittoria Cortis et vs Gio Maria Sammut** fil- 21 ta' April 1947 per S.T.O. Sir George Borg flimkien mal-Imhallfin Prof. E. Ganado u Dr., L.A. Camilleri fejn sahqet:

[43] Ara ukoll dak deciiz fit- 13 ta' Jannar 1967 mill-Prim' Awla fil-kawza **Wisq Reverendu Dun Paul Cremona noe vs Paolo Farrugia et** per Onorevoli Imhallef A. Gauci Maistre.

*'......illi dak il-passagg kien ghat-tollerannza, u din ma tistax taghti ebda azzjoni ta' spoll. Dan huwa ezatt fil-kaz li jirrizulta , prima facie' illi kien hemm din it-tolleranza, mentri fil-kaz in specje din it-tolleranza giet kategorikament eskluza mill-kontorparti, u allura kieku kienet ammissibbli l-eccezzjoni ta' l-appellant, illi l-Qorti ghandha tidhol ‚funditus' fil-kwistjoni biex tara jekk kienx hemm tolleranza jew le, tista' eventwalment tigi vulnerata fil-fondament taghha din l-azzjoni privileggata tal-ispoll, fejn 'spoliatus ante omnia restituendus' meta l-attur juri li kellu l-pusses jew kwazi pussess jew detenzjoni tal-haga. Issa l-attur were sodisfacentement, dejjem gghall-iskop ta' din l-azzjoni, u minghajr pregudizzju ta' l-azzjoni petitorja, illi huma kienu fil-kwazi pussess ta' din is-seervitu' tal-passagg.... ghalhekk jidher li l-attur wrew l-elementi kollha ta' din l-azzjoni u f' dan l-istadju possessorju ghandhom ikunu protett.'*

**Ikkunsidrat:**

Mill-assjem tal-provi huwa ben ovvju li hemm zewg verzjonijiet dijamentrikament opposti u ghalkemm l-attur u il-konvenut gew ezaminati, ri-ezaminati u kontro-ezaminati *ad nauseam* huma baqghu ferm mal-posizzjoni originali taghhom. Ifisser li l-attur jghid li huwa kellu access liberu ghal-passagg u ghax-xatba minghajr ma jitlob permess tal-intimat filwaqt li l-intimat jishaq li l-access ghax-xatba u ghal-passagg kien isir bl-approvazzjoni tieghu.

Dunque, il-Qorti hija rinfaccata b' zewg verzjonijiet u kunflitt ta' provi mid-dibattiment tal-kawza.

F’ tema ta’ kunflitt ta’ provi inghad is-segwenti fil-kawza **Mary Rose Caruana et vs Gorg Cardona et (Rik. Gur. 713/2015 RGM)** deciz mill-Prim’ Awla tal- Qorti Civili fit-30 ta’ Jannar 2020 per Onorevoli Imhallef Robert G. Mangion:

*Fejn ikun jezisti konflitt ta’ provi bhala fil-kaz odjern, il-gurisprudenza nostrana tghallem illi hafna drabi l-qrati jkunu rinfaccati b’ verzjonijiet opposti ghal xulxin- meta kawza tkun ikkontestata fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-ligi, x’ aktarx li ser ikun hemm verzjonijiet konfliggenti, l-Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran sedenti fil- Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta’ Novembru 1966 irritjena li:*

*‘Mhux kwalunkwe tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f’ dak l-istat ta’ perplessita’ li minhabba fih ma tkunx tista’ tiddecidi b’ kuxejenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola tal- in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa’ soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghalih. Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m’ ghandhiex taqa’ comb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita’ u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohrra, anke fuq bilanc tal-probabilita’ u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn f’ kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant….. anzi, f’ kazijiet bhal dawn, akatr ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita’ ta’ qerq da parti ta’ xi wiehed mill-kontendenti.’*

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit- 2 ta' Gunju 2003 fis-sentenza fl-ismijiet ***Middle Sea Insurance plc noe vs Victor Sammut*** irriteniet illi:

*'Anzi f' kaz ta' konflittwalita' l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex propju taccerta ruhu jekk xi wahda miz-zewg verzjionijiet possibbli ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq bilanc tal-probabiltajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi.'*

Din il-Qorti diversament preseduta fid-decizjoni **Dr. Elizabeth Vella M.D. vs Bieb Bieb Limited et (Cit Nru. 2141/2000GC)** fid-9 ta' Dicembru 2011 kompliet tissenjala li:

*'Ghalhekk fil-konflitt ta' versjonijiet li jesisti f' din il-kawza ghandu jigi esaminata liema wahda mit-tezijiet konfligenti hi l-aktar kredibbli. Ghandu jigi ezaminat jekk xi wahda mill-versjonijiet li allura jista' jinghad li hi korroborata. Ghandu jigi esaminat ukoll jekk jesistix xi fatt li jwassal ghall-konkluzjoni liema verzjoni tirrispekkja r-realta' tal-fatt, u kwindi ghandha tigi accettata bhala dik veritiera u attendibbli.'*

**Fis-sentenza fl-ismijiet Frank Giordimaina Medici et vs William Rizzo et. (Cit. Nru. 984/1994NC)** din il-Qorti diversament preseduta fit-28 t' April 2004 ikkonkludiet:

*In tema legali jigi osservat li huwa principju fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffaforixxi l-konvenuti in bazi ghall-principju li onus*

*probanti incumbit ei qui diciit non ei qui negat (App. Inf. Anthony Camilleri vs Maurice Cachia et- 22 ta' Novembru 2002)***'**

**Fis-sentenza Perit John M. Gambin vs Fithome Ltd. (Cit. Nru. 1672/1998 deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-6 ta' Mejju 2011 intqal illi '***Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilita', konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bazi ta' bilanc ta' probabiltajiet li huma sufficjenti f' kawza civili***.'**[44]

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tqis li issa jkun opportun taghmel rassenja tal-avvenimenti biex tipprova tislet il-verita f' din il-vertenza:

1. Bejn l-istess partijiet giet intavolata wkoll il-kawza 5/2015 li titratta il-passagg u it-thawwil ta' xtili tta' basal f' dan tal-ahhar b'tali mod li ir-rikorrenti allegatament ma setax jidhol mill-passagg bil-mohriet ghall-ghalqa tieghu bdiet fit- 23 ta' Dicembru 2014 u fil-jiem u l-gimghat ta' wara, liema kawza qeghda tigi deciza llum ukoll.

2. Din il-kawza Rikors numru: 25/2015 titratta il-katnazz u x-xatba/bieb allegatament bdiet fl-bejn 20 u it- 22 ta' Marzu 2015 u l-kawza giet ipprezentata fit- 13 ta' Mejju 2015. *Allura il-katnazz*

[44] Pagna 13 sa 15. Ra ukoll **Charles Azzopardi vs P.S. 201 Sandro Magro et.** (Citazzjoni Nru. 222/96 MCH) deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Gunju 2016 per S.T.O. Prim Imhallef Silvio Camilleri flimkien mal-Imhallfin Tonio Mallia u Joseph Azzopardi, pg. 20-21; **Maureen Wood vs John Attard** (Rikors Nru. 22/06 JVC) decoz mill-Qorti tal-Appell nhar it-23 ta' Novembru 2020 per S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcutiflmikien mal-Imhallfin Joseph R. Micallef u Tonio Mallia, pg. 19; **Pio Le Brun et vs David Brydon** (Citazzjoni Nru. 315/2011) deciza mill-Qorti Civili Prim' Awla nhar id- 9 ta' Lulju 2014 per Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi, pg. 10.

*allegatament twahhal mill-intimat wara li dan tal-ahhar gie notifikat bl-ewwel kawza.*

3. Din it-tieni kawza giet notifikata lill-intimat fit-22 ta' Mejju 2015.
4. L-ambjenti u l-ghelieqi huma l-istess territorju fiz-zewg kawzi.

Illi jidher li d-disgwid inqala' lejn l-ahhar tal-2014 meta l-intimat ghall-ewwel darba wara madwar 15 -il sena hawwel xi xtieli ta' basal fil-passagg. Jidher li qabel ir-rikorrenti kien jghaddi minn bieb u dan il-bieb inaghalaq wara li l-intimat ghamel rampa u allura stieden lil huh biex jghaddi minn fuq ir-rampa li kien bena hu. Dan l-arranagment baqa' fis-sehh ghal diversi snin minghajr problemi.

Il-Qorti temmen u tabbracca li t-tezi tar-rikorrenti hija wahda li ghandha aktar mis-sewwa minn dik tal-intimat. Jidher li x-xhieda tar-rikorrenti u martu maghduda ma' din ta' omm l-ahwa (rikorrenti u intimati f' dawn il-proceduri) hija b'sahhitha mhux biss numerikament izda ukoll logikament. Il-Qorti ma ghandix ghalfejn tiddubita li meta ir-rikorrenti, huh ghalaqlu l-entrata tieghu hu irrikorra ghand ommu, li wara kollox kienet sid l-art u qalla b'dak li kien gara. L-omm, ta' omm li hija, qaltlu li jekk l-ahwa kienu qed jaqblu, allura ir-rikorrenti kellu jibda juza ir-rampa li kien bena huh. Dan jidher li ma kellux oggezzjoni ladarba kien imbarralu l-bieb li kien qed juza sa dak iz-zmien b'dak li ghamel u l-affarijiet imxew b'dan il-mod ghal diversi snin. B'hekk l-intimat holoq dritt fil-konfront tar-rikorrenti u dan id-dritt u l-pussess bl-ebda mod ma seta' jitregga lura b'mod unilaterali minn naha tieghu la billi jizra fil-passagg li kien juza r-rikorrent u lanqas billi jaghlaq il-bieb/xatba b'qafla jew b'katina u katnazz li kien ghamel f'Marzu 2015.

Il-Qorti tqis illi hemm probabilita' kbira li l-katnazz tpogga biex l-intimat ikompli jisfida lil huh u kompla jsostni l-ispoll originali inwettaq f'Dicembru 2014 aktar gravi. Din il-Qorti tqis li l-konversazzjoni li irraporta ir-rikorrenti bejn l-intimat, ibnu Jason Sultana biex jghid li l-katnazz ilu hemm ma hiex kredibbli u verosimili meta wiehed jara l-assjem tal-provi kif ukoll ir-ritratti ezebiti in atti li juru katnazz u katina godda fjamanti, minghajr l-ebda ombra ta' sadid![45]

Il-Qorti fliet sewwa x-xhieda mhux biss tal-partijiet, li principarjemnt huma l-kontendenti imma ukoll dik ta' omm Saviour u Paul Sultana. Huwa minnu li r-raba' tal-omm inaghtat lil Saviour Sultana u waqt dawn il-proceduri jidher li hija kienet qed tghix mieghu, ***imma hija fix-xhieda taghha QATT ma uriet l-ebda animozita' jew ppruvat titfa' xi dell ikrah fil-konfront ta' binha Paul***. Dan mhux biss jaghmel gieh lil din l-omm, izda jpoggi dak li qalet u stqarret f'lenti ta' aktar kredibilita'.

Illi mix-xhieda prodotti johrog car illi originarjament din ix-xatba qatt ma kienet tezisti u meta giet installata kienet tinghalaq b'habel li r-rikorrent liberament kien iholl il-qafla taghha sabiex jaccedi ghar-raba tieghu izda din ix-xatba qatt ma kienet maghluqa b'xi katina jew katnazz jew b'xi mod iehor li jostakola lir-rikorrenti milli jaccedu ghar-raba fil-pussess taghhom.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tqis li bit-tqieghed ta' din ix-xatba u billi din ix-xatba giet maqfula b'habel, imbaghad b'katina u katnazz, gie

**[45] Lanqas Jason Sultana, bin l-intimat, ma ttella jixhed f' dawn is-snin kollha biex tal-anqas jichad din l-asserzjoni gravi fil-konfront tal-istorja tal-katnazz!**

kommess spoll vjolenti u minn naha tal-intimat Peter Paul sive Paul Sultana.

**Decide:**

**Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi t-talbiet tar-rikorrenti billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta u tiddikjara li l-intimat bejn l-20 u il-25 ta' Marzu 2015 tellifhom fil-pussess ta' hwejjighoim billi ostakola il-bieb/xatba meta huwa wahhal katnazz u katina u ghalaq dan tal-ahhar u b'hekk cahhad lir-rikorrenti milli jaccedi bil-mod solitu fl-ghalqa fl-inhawi Ta' Wied Bingemma, fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex; u**

2. **Tilqa' t-tieni talba kif dedotta u tordna lill-intimat biex inehhi kull ostakolu f'dan il-bieb/xatba biex b'hekk ir-rikorrent ikun jista' jghaddi bil-mohriet u bir-rigel u dan fi zmien erbgha u ghoxrin siegha mil-lum; u**

3. **Tilqa' it-tielet talba u tahtar lill-Perit Sean Micallef sabiex taht is-supervizjoni tieghu jigi maqtugh/a u mnehhi/ja kemm il-katnazz kif ukoll il-katina li gew installati fl-imsemmija xatba u dan a spejjez tal-intimat u jekk hemm bzonn fil-prezenza u bl-assistenza ta' zewg membri tal-Korp tal-Pulizija Ezekuttiva u dawn tal-ahhar ikunu ukoll a spejjez tal-intimat.**

**Spejjez ta' din il-procedura huma kollha a karigu tal-intimat.**

Dottor Monica Vella  LL.D., M'Jur.

Magistrat

Deputat Registratur.